IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.3.2022
COM(2022) 88 final

2022/0062 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-105 sessjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza Marittima u s-46 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni dwar l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77) u l-emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-105 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (MSC 105), li se ssir mill-20 sad-29 ta' April 2022, u fis-46 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (FAL 46), li se ssir mid-9 sat-13 ta' Mejju 2022.

Matul l-MSC 104, ġie previst li tiġi adottata riżoluzzjoni tal-MSC fl-MSC 105 dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' frekwenza għolja ħafna (VHF) ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77).

Matul il-FAL 45, kien previst li jiġu adottati emendi fil-FAL 46 għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL).

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tistabbilixxi l-OMI. L-għan tal-OMI huwa li tipprovdi forum għall-kooperazzjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni u l-prattiki relatati ma' kwistjonijiet tekniċi ta' kull tip li jaffettwaw it-tbaħħir involut fil-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, għandha l-għan li tħeġġeġ l-adozzjoni ġenerali tal-ogħla standards prattikabbli fi kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sikurezza marittima, l-effiċjenza tan-navigazzjoni u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri, filwaqt li tippromwovi kundizzjonijiet ekwi. Tittratta wkoll kwistjonijiet amministrattivi u ġuridiċi relatati.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni. L-Unjoni ma hijiex parti għall-Konvenzjoni.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL), adottata fid-9 ta' April 1965, li daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Marzu 1967. L-Unjoni ma hijiex parti għall-FAL.

2.2. L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) hija l-aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u s-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri. Hija l-awtorità li tistabbilixxi l-istandards globali għas-sikurezza, għas-sigurtà u għall-prestazzjoni ambjentali tat-tbaħħir internazzjonali. Ir-rwol prinċipali tagħha huwa li toħloq qafas regolatorju għall-industrija tat-tbaħħir li jkun ġust u effettiv, u li dan jiġi adottat u implimentat b'mod universali.

Is-sħubija fl-OMI hija miftuħa għall-Istati kollha u l-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tal-OMI. Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-OMI huma bbażati b'mod partikolari fuq il-Ftehim għall-Kooperazzjoni u l-Kollaborazzjoni konkluż bejn l-Organizzazzjoni Konsultattiva Marittima Intergovernattiva (IMCO) u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-1974.

Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI jikkonsisti mill-Membri kollha tal-OMI u jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena. Dan jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni fl-ambitu tal-Organizzazzjoni relatata mal-għajnuniet għan-navigazzjoni, mal-kostruzzjoni u mat-tagħmir tal-bastimenti, mal-persunal mil-lat ta' sikurezza, mar-regoli għall-prevenzjoni ta' kolliżjonijiet, mal-ġarr ta' merkanzija perikoluża, mal-proċeduri u r-rekwiżiti tas-sikurezza marittima, mal-informazzjoni idrografika, mal-ġurnali ta' abbord u mar-reġistri tan-navigazzjoni, mal-investigazzjoni ta' diżgrazzji marittimi, mas-salvataġġ, u ma' kwalunkwe kwistjoni oħra li taffettwa direttament is-sikurezza marittima.

Il-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI huwa magħmul mill-Membri kollha tal-OMI u jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena. Huwa jittratta kwistjonijiet relatati mal-faċilitazzjoni tat-traffiku marittimu internazzjonali, inkluż il-wasla, is-soġġorn u t-tluq ta' vapuri, persuni u merkanzija mill-portijiet. Il-Kumitat jindirizza wkoll in-negozju elettroniku, inkluż il-kunċett ta' single window, u għandu l-għan li jiżgura li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn ir-regolamentazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ marittimu internazzjonali.

Kemm il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima kif ukoll il-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI jipprovdu mekkaniżmi għat-twettiq ta' kwalunkwe dmir assenjat lilhom mill-Konvenzjoni tal-OMI, mill-Assemblea tal-OMI jew mill-Kunsill tal-OMI, jew kwalunkwe dmir fl-ambitu msemmi hawn fuq li jista' jiġi assenjat lilhom minn jew skont kwalunkwe strument internazzjonali ieħor, u aċċettat mill-OMI. Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima u tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni, u tal-korpi sussidjarji tagħhom jiġu adottati mill-maġġoranza tal-Membri tagħhom.

2.3. L-att previst tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI

Mill-20 sad-29 ta' April 2022, l-MSC 105 għandu jadotta abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li jirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77).

L-għan tar-riżoluzzjoni prevista huwa li ttejjeb l-istandards ta' prestazzjoni adottati preċedentement, permezz tar-riżoluzzjoni MSC.149(77), għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza.

2.4. L-att previst tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI

Mid-9 sat-13 ta' Mejju 2022, il-FAL 46 irid jadotta emendi għall-Konvenzjoni FAL. L-għan tal-emendi previsti huwa li jiġi rrieżaminat u aġġornat l-Anness tal-Konvenzjoni FAL, bil-għan li dak l-Anness jinġieb eqreb tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/1239 u tar-regoli kummerċjali miftiehma għall-implimentazzjoni ta' dan tal-aħħar, jiġifieri billi t-trażmissjoni elettronika ssir obbligatorja permezz ta' single window, billi jiġu evitati r-ripetizzjonijiet tal-elementi ta' *data*, billi jkun hemm prevenzjoni tal-użu tal-formoli tal-karti għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, u billi jiġi rrinunzjat ir-rekwiżit għal firma manwali.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Ir-riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' Prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77)

Matul it-tmien sessjoni tas-Sottokumitat dwar in-Navigazzjoni, il-Komunikazzjoni u t-Tfittxija u s-Salvataġġ (NCSR 8), li saret virtwalment mid-19 ta' April sat-23 ta' April 2021,

is-Sottokumitat qabel ma' abbozz ta' riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li jirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77), bil-għan li jiġi approvat mill-MSC 104 u l-adozzjoni sussegwenti mill-MSC 105.

L-MSC 104 approva l-emendi previsti, bil-paragrafu 12.8.2.9 tar-rapport MSC 104 (MSC 104/18) jindika li l-emendi huma previsti li jiġu adottati fl-MSC 105.

Fl-NSCR 8, il-pożizzjoni tal-Unjoni kienet li tappoġġa l-proposti f'CIRM (NCSR 8/6/2) u fil-Ġappun (NCSR 8/6/4) sabiex tiġi emendata r-riżoluzzjoni MSC.149(77) dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza sabiex titqies l-interpretazzjoni unifikata miftiehma fl-NCSR 7 u jiġi propost li d-dokument NCSR 8/6/4 (il-Ġappun) jintuża bħala l-bażi għall-emendar tar-riżoluzzjoni.

Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa dawn l-emendi peress li se jtejbu l-istandards ta' prestazzjoni adottati preċedentement, permezz tar-riżoluzzjoni MSC.149(77), għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, sabiex tiġi indirizzata l-modernizzazzjoni tas-Sistema Marittima Globali għall-Periklu u s-Sigurtà (GMDSS) u tiġi inkluża l-interpretazzjoni unifikata rigward id-dati ta' validità tal-batteriji għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza.

3.2. Emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL)

Fit-42 sessjoni tiegħu, il-FAL approva output ġdid dwar "Ir-rieżami u l-aġġornament tal-anness tal-Konvenzjoni FAL'' bil-għan li jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet relatati mat-trażmissjoni elettronika tal-informazzjoni, sabiex jiġi inkluż obbligu ċar għall-awtoritajiet pubbliċi sabiex jintroduċu single window, jintroduċu l-prinċipju ta' darba ta' rapportar, jagħtu mandat għall-użu tal-Kompendju tal-OMI dwar il-Faċilitazzjoni u n-Negozju Elettroniku sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet tad-*data*, jiġu ċċarati l-funzjonijiet tal-formoli tal-FAL fil-kuntest tat-trażmissjoni elettronika u jiġi rrinunzjat ir-rekwiżit għal firma manwali. L-output il-ġdid ġie inkluż fl-aġenda biennali tiegħu tal-2018 u l-2019 u fl-aġenda provviżorja għall-FAL 43, b'sena tat-tlestija fil-mira tal-2021. F'dan ir-rigward, il-FAL 42 iddeċieda li jistabbilixxi Grupp ta' Korrispondenza dwar ir-Rieżami u l-Aġġornament tal-Anness tal-Konvenzjoni FAL bil-koordinazzjoni ta' Franza, u ta struzzjonijiet lil dan l-Istat Membru sabiex jibda rieżami tal-Anness tal-Konvenzjoni FAL u sabiex jabbozza emendi għal kunsiderazzjoni ulterjuri mill-FAL 43.

Il-FAL 43 approva l-ħidma tal-Grupp ta' Korrispondenza u ddeċieda, fost l-oħrajn, li:

- Il-Prattika Rakkomandata dwar l-istabbiliment ta' single window għandha tiżdied għal Standard;
- Id-definizzjoni ta' single window għandha tkun definizzjoni ġenerika;
- Il-Kompendju tal-OMI ma għandux jifforma parti mill-Anness tal-Konvenzjoni FAL, iżda minflok, għandu jkun hemm biss referenza għalih;
- Ir-rekwiżit ta' viża (jekk meħtieġa) ma għandux ikun inkluż għal-liv mhux abbord fil-lista tal-ekwipaġġ;
- L-istabbiliment ta' kumitati ta' faċilitazzjoni nazzjonali għandu jibqa' bħala Prattika Rakkomandata;

- Kienu meħtieġa diskussjonijiet ulterjuri dwar jekk l-elementi ta' *data* msemmija fl-Anness tal-Konvenzjoni FAL għandhomx jibqgħu elenkati għal kull formalità jew jekk għandhiex tiġi inkluża lista olistika f'Appendiċi.

Il-Kumitat approva wkoll l-istabbiliment mill-ġdid tal-grupp ta' korrispondenza dwar ir-rieżami u l-aġġornament tal-Anness tal-Konvenzjoni FAL, bil-koordinazzjoni ta' Franza.

Il-FAL 44 approva l-użu ta' lista ewlenija konsolidata ta' *data* fl-appendiċi tal-Anness tal-Konvenzjoni FAL u qabel li jgħaqqad, fi Standard wieħed, l-Istandards eżistenti relatati mar-rekwiżiti ta' awtentikazzjoni għal kull waħda mid-dikjarazzjonijiet fl-Anness tal-Konvenzjoni FAL. Barra minn hekk, il-Kumitat approva l-istabbiliment mill-ġdid tal-grupp ta' korrispondenza dwar ir-rieżami u l-aġġornament tal-Anness tal-Konvenzjoni FAL, bil-koordinazzjoni ta' Franza, u qabel li jestendi s-sena tat-tlestija fil-mira sal-2023.

Il-FAL 45 approva l-emendi previsti għall-Anness tal-Konvenzjoni FAL, bil-paragrafu 4.17 tar-rapport tal-FAL (FAL 45/22) jindika li l-emendi huma previsti li jiġu adottati fil-FAL 46.

Fil-FAL 42, il-pożizzjoni tal-Unjoni kienet li tappoġġa l-proposta tat-Turkija (FAL 42/14) li jiġi stabbilit output ġdid dwar "Ir-rieżami u l-aġġornament tal-Anness tal-Konvenzjoni FAL''. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet meħuda fil-FAL 43, fil-FAL 44 u fil-FAL 45 kienu konformi mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni.

Għalhekk, l-Unjoni għandha tappoġġa dawn l-emendi, peress li se jġibu l-Anness tal-Konvenzjoni FAL eqreb tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/1239 u se tadotta r-regoli kummerċjali miftiehma għall-implimentazzjoni ta' dan tal-aħħar, jiġifieri sabiex tagħmel it-trażmissjoni elettronika obbligatorja permezz ta' single window, sabiex tevita r-ripetizzjonijiet tal-elementi ta' *data*, sabiex ikun hemm prevenzjoni milli l-formoli tal-karti jintużaw għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, u sabiex tirrinunzja r-rekwiżit għall-firem manwali.

3.3. Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u l-kompetenza tal-UE

3.3.1. Ir-riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' Prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77)

L-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza huwa kopert mid-Direttiva 2014/90/UE dwar tagħmir tal-baħar peress li huwa elenkat bħala l-punt 5.17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1158 tat-22 ta' Ġunju 2021 dwar ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1170[1]. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1158 jirreferi għar-Riżoluzzjoni tal-OMI MSC.149(77) dwar l-adozzjoni tal-istandards ta' prestazzjoni riveduti għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza.

Għalhekk, l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza li għandhom jiġu adottati fl-MSC 105 se jaffettwaw ir-rekwiżiti applikabbli skont id-Direttiva 2014/90/UE.

[1] ĠU L 254, 16.7.2021, p. 1.

3.3.2. Emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL)

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2010/65/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE[2] (id-"Direttiva dwar il-Formalitajiet ta' Rappurtar'') għandha l-iskop li tissimplifika u li tarmonizza l-proċeduri amministrattivi applikati għat-trasport marittimu billi tagħmel it-trażmissjoni elettronika ta' informazzjoni standard u billi tirrazzjonalizza l-formalitajiet ta' rapportar. L-Artikolu 7 tad-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri tal-Unjoni jaċċettaw formoli FAL għat-twettiq tal-formalitajiet ta' rapportar. Id-Direttiva tiddefinixxi "formoli FAL'' fl-Artikolu 2(c) bħala "*l-formoli standardizzati, kif previst fil-Konvenzjoni FAL*''. Barra minn hekk, il-lista tal-formoli FAL hija pprovduta fil-parti B tal-Anness tad-Direttiva 2010/65/UE.

Fl-2019, l-UE adottat ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE[3] (ir-"Regolament EMSWe''). Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ, iżda se japplika biss mill-15 ta' Awwissu 2025. Fi ħdan dan il-qafas il-ġdid, jittieħdu passi importanti lejn tnaqqis ulterjuri ta' piżijiet amministrattivi u lejn żieda fl-effiċjenza u fl-attraenza tat-trasport marittimu. Dan jipprevedi l-ħolqien ta' sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe) b'sett ta' *data* komuni, interfaċċi ta' rapportar armonizzati u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rapportar ta' darba biss. Is-"sett ta' *data* EMSWe" huwa definit fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament bħala "*l-lista sħiħa tal-elementi ta' data li jirriżultaw mill-obbligi ta' rapportar*". L-obbligi ta' rapportar huma inklużi fl-Anness tar-Regolament u jinkludu l-formoli FAL kollha fil-Parti B tiegħu. Barra minn hekk, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament jistabbilixxi li "*Waqt li tkun qed tivvaluta jekk l-elementi tad-data għandhomx jiġu inklużi fis-sett ta' data EMSWe, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tat-tħassib dwar is-sikurezza kif ukoll tal-prinċipji tal-Konvenzjoni FAL, jiġifieri l-prinċipju li jkun rikjest biss rapportar ta' informazzjoni essenzjali u li l-għadd ta' elementi jinżamm għal minimu*".

Għalhekk, l-emendi għall-Anness tal-Konvenzjoni FAL li għandhom jiġu adottati fil-FAL 46 se jaffettwaw l-applikazzjoni tar-regoli msemmija hawn fuq tad-Direttiva 2010/65//UE u, mid-data meta ssir applikabbli, tar-Regolament (UE) 2019/1239.

3.3.3. Il-kompetenza tal-UE

Ir-riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77), taffettwa d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE.

L-emendi għall-Anness tal-Konvenzjoni FAL jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/65/UE u, mid-data meta ssir applikabbli, tar-Regolament (UE) 2019/1239.

Għalhekk, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva bis-saħħa tal-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE u, għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-atti li jadottaw l-emendi msemmija hawn fuq.

---

[2] ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1.

[3] ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tas-sede jew ta' parti għall-ftehim[4].

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti ġuridiċi*" jinkludi atti li għandhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*".[5]

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima u l-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI huma korpi stabbiliti bi ftehim, il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

L-atti li dawn iż-żewġ kumitati tal-OMI huma mitluba jadottaw jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE:

– Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE. Dan minħabba li l-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza huwa kopert mid-Direttiva 2014/90/UE dwar tagħmir tal-baħar, peress li huwa elenkat bħala l-punt 5.17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1158 dwar ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1170.

– Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2010/65/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE u, mid-data meta ssir applikabbli, ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ir-"Regolament EMSWe''). Dan minħabba li l-Artikolu 7 tad-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri tal-Unjoni jaċċettaw formoli FAL għat-twettiq tal-formalitajiet ta' rapportar, filwaqt li l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1239 jistabbilixxi li "*Waqt li tkun qed tivvaluta jekk l-elementi tad-data għandhomx jiġu inklużi fis-sett ta' data EMSWe, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tat-tħassib dwar is-sikurezza kif ukoll tal-prinċipji tal-Konvenzjoni FAL, jiġifieri l-prinċipju li jkun rikjest biss rapportar ta' informazzjoni essenzjali u li l-għadd ta' elementi jinżamm għal minimu*".

[4] Il-Kawża C-399/12 Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-punt 64.

[5] Il-Kawża C-399/12 Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Għalhekk, l-adozzjoni

– tar-riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77)

u l-emendi

– għall-Anness tal-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL)

jaffettwaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE; id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2010/65/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE; u, mid-data meta ssir applikabbli, ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ir-"Regolament EMSWe'').

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw it-trasport marittimu. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2022/0062 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-105 sessjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza Marittima u s-46 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni dwar l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77) u l-emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

(2) L-OMI hija aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u s-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar u tal-arja mill-vapuri. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma membri tal-OMI. L-Unjoni ma hijiex membru tal-OMI.

(3) Skont l-Artikolu 28(b) tal-Konvenzjoni dwar l-OMI, il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima jipprovdi mekkaniżmi għat-twettiq ta' kwalunkwe dmir assenjat lilu f'konformità ma' dik il-Konvenzjoni, mill-Assemblea tal-OMI jew mill-Kunsill tal-OMI, jew ta' kwalunkwe dmir fl-ambitu ta' dak l-Artikolu li jista' jiġi assenjat lill-Kumitat tas-Sikurezza Marittima skont kwalunkwe strument internazzjonali ieħor, u aċċettat mill-OMI.

(4) Skont l-Artikolu 48(a) tal-Konvenzjoni dwar l-OMI, il-Kumitat ta' Faċilitazzjoni jista' jadotta emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali ("il-Konvenzjoni FAL")[1]. L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni FAL. L-Unjoni ma hijiex parti għal dik il-Konvenzjoni.

(5) Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, matul il-105 sessjoni tiegħu mill-20 sad-29 ta' April 2022, għandu japprova riżoluzzjoni dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77).

(6) Il-Kumitat ta' Faċilitazzjoni, matul is-46 sessjoni tiegħu mid-9 sat-13 ta' Mejju 2022, għandu jadotta emendi għall-Anness tal-Konvenzjoni FAL.

[1] Il-Konvenzjoni FAL daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Marzu 1967.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul il-105 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, peress li r-riżoluzzjoni tal-MSC prevista dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77), se tkun kapaċi tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar it-tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE [2].

(8) L-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77), ittejjeb l-istandards ta' prestazzjoni adottati preċedentement għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa r-riżoluzzjoni, peress li hija maħsuba sabiex tindirizza l-modernizzazzjoni tas-Sistema Marittima Globali għall-Periklu u s-Sigurtà (GMDSS) u tinkludi l-interpretazzjoni unifikata rigward id-dati ta' validità tal-batteriji għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza.

(9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul is-46 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni, peress li l-emendi previsti għall-Anness tal-Konvenzjoni FAL se jkunu kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2010/65/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE[3] u, mid-data meta jsir applikabbli, ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ir-Regolament EMSWe)[4].

(10) L-emendi għall-Anness tal-Konvenzjoni FAL iġibu l-Anness tal-Konvenzjoni FAL eqreb tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/1239 u tar-regoli kummerċjali miftiehma għall-implimentazzjoni ta' dan tal-aħħar, jiġifieri billi t-trażmissjoni elettronika ssir obbligatorja permezz ta' single window, il-prevenzjoni li jkun hemm repetizzjoni tal-elementi ta' *data*, il-prevenzjoni milli l-formoli tal-karti jintużaw għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, u billi jiġi rrinunzjat ir-rekwiżit għall-firem manwali.

(11) Il-pożizzjoni tal-Unjoni trid tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima u tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-105 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") għandha tkun li jkun hemm qbil fuq l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-MSC dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjutelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77).

[2] ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146.
[3] ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1.
[4] ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-46 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI għandha tkun li jkun hemm qbil fuq l-adozzjoni ta' emendi għall-Anness tal-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali ("il-Konvenzjoni FAL").

Artikolu 3

1. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt.

2. Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 2 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President